Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2010(COD)

20.2.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali
(COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD))

Rapporteur għal opinjoni*: Emil Radev

(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

EMENDA

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Biex tiġi enfasizzata l-ħtieġa li tinżamm il-possibbiltà li jintużaw il-flus kontanti fis-soċjetà, l-euro diġitali, kemm fil-każ ta' tranżazzjonijiet online kif ukoll offline, jenħtieġ li dejjem jikkomplementa l-flus kontanti fiżiċi u mhux jissostitwixxih. Iċ-ċittadini u n-negozji jenħtieġ li dejjem ikollhom id-dritt li jużaw forma waħda jew oħra tal-valuta legali jew taħlita tagħhom.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***li l-munita tagħhom hija l-euro***, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali***, inklużi l-benefiċċji tal-użu tiegħu kif ukoll il-karatteristiċi tiegħu relatati mal-protezzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali***. ***L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jistgħu jipprovdu wkoll tali informazzjoni u miżuri edukattivi liċ-ċittadini tagħhom, f'kooperazzjoni mal-***

Bank Ċentrali Ewropew meta jkun rilevanti. Jenħtieġ li dawn il-miżuri ta' informazzjoni u edukattivi jkunu disponibbli mingħajr ħlas.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għall-mikrointrapriżi, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' dan id-daqs. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-mikrointrapriżi u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li	(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika ***jew għal persuni fiżiċi li jirċievu introjtu, pensjoni jew allowance tal-gvern***. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għall-mikrointrapriżi, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' dan id-daqs. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-mikrointrapriżi u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati

jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jaċċettaw mezzi diġitali ***komparabbli*** ta' pagament mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali. ***Jenħtieġ li l-mezzi diġitali komparabbli ta' pagament jinkludu pagament bil-karta tad-debitu jew pagament istantanju jew soluzzjonijiet teknoloġiċi futuri oħrajn użati fil-punt ta' interazzjoni, iżda jenħtieġ li jeskludu t-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni.*** Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali ***komparabbli*** ta' ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta' dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro), ***iżda jistgħu jużaw pagamenti diġitali fis-saldu ta' dejn lill-prendituri tagħhom (eż. iħallsu bi trasferimenti ta' kreditu)***, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista' jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jaċċettaw mezzi diġitali ta' pagament mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali. Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali ta' ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta' dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro), jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista' jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi żgurat li jistgħu jiġu introdotti eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-euro diġitali fi stadju aktar tard jekk ikunu meħtieġa, pereżempju minħabba speċifiċitajiet tekniċi li jistgħu jidhru fil-futur, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-obbligu li jiġu aċċettati tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, li jkunu japplikaw b'mod armonizzat fiż-żona tal-euro kollha, filwaqt li titqies kwalunkwe proposta mill-Istati Membri għal dan l-għan. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet bħal dawn biss jekk ikunu neċessarji, iġġustifikati minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali, proporzjonati, ***u*** jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-obbligu li jiġu aċċettati tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li jirriżultaw mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19.	(19) Sabiex jiġi żgurat li jistgħu jiġu introdotti eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-euro diġitali fi stadju aktar tard jekk ikunu meħtieġa, pereżempju minħabba speċifiċitajiet tekniċi li jistgħu jidhru fil-futur, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-obbligu li jiġu aċċettati tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, li jkunu japplikaw b'mod armonizzat fiż-żona tal-euro kollha, filwaqt li titqies kwalunkwe proposta ***mill-Parlament Ewropew u*** mill-Istati Membri għal dan l-għan. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet bħal dawn biss jekk ikunu neċessarji, iġġustifikati minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali, proporzjonati, jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali***, u biss jekk ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji***. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-obbligu li jiġu aċċettati tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li jirriżultaw mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-objettiv ewlieni tal-istabbiliment tal-euro diġitali huwa l-użu tiegħu bħala forma tal-munita unika b'valuta legali fiż-żona tal-euro. Għal dan l-għan u f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fiż-żona tal-euro, inklużi l-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, applikanti għall-ażil u l-konsumaturi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali, jistgħu jiġu pprovduti servizzi ta' pagament bl-euro diġitali mill-PSPs stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Persuni fiżiċi u ġuridiċi li diġà kienu qed jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, minħabba li huma fetħu kont ta' pagament bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew ġew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew li huma stabbiliti f'tali Stat Membru, xorta jistgħu jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, soġġetti għal termini possibbli fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew tal-istabbiliment ta' dawn il-persuni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddefinixxi.	(21) L-objettiv ewlieni tal-istabbiliment tal-euro diġitali huwa l-użu tiegħu bħala forma ***addizzjonali*** tal-munita unika b'valuta legali fiż-żona tal-euro. Għal dan l-għan u f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fiż-żona tal-euro, inklużi l-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, applikanti għall-ażil u l-konsumaturi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali, jistgħu jiġu pprovduti servizzi ta' pagament bl-euro diġitali mill-PSPs stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Persuni fiżiċi u ġuridiċi li diġà kienu qed jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, minħabba li huma fetħu kont ta' pagament bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew ġew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew li huma stabbiliti f'tali Stat Membru, xorta jistgħu jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, soġġetti għal termini possibbli fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew tal-istabbiliment ta' dawn il-persuni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddefinixxi. ***Għal dawn il-finijiet, jenħtieġ li l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Awtorità Bankarja Ewropea joħorġu b'mod konġunt linji gwida li jispeċifikaw l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-AML/CFT u l-forniment ta' servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali. Jenħtieġ li dawk il-linji gwida ma jimplikawx li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw l-istatus ta' utenti tal-euro diġitali potenzjali, inkluż bħala persuna li tfittex l-ażil jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jew individwu***

	mingħajr indirizz fiss jew ċittadin ta' pajjiż terz li ma jingħatax permess ta' residenza.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Fid-dawl tas-setgħat tiegħu skont it-Trattati u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jistabbilixxi limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali jenħtieġ li jiġi ppreservat permezz ta' limiti fuq it-tariffi bejn il-PSPs u t-tariffi tan-negozjanti.	(31) Fid-dawl tas-setgħat tiegħu skont it-Trattati u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jistabbilixxi limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. ***Jenħtieġ li dawn il-limiti iqisu l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-industrija bankarja tal-UE, kif ukoll l-impatt fuq l-interessi tal-konsumaturi.*** L-użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali jenħtieġ li jiġi ppreservat permezz ta' limiti fuq it-tariffi bejn il-PSPs u t-tariffi tan-negozjanti.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Użu mhux ristrett tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur jista' jipperikola l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro, b'effetti negattivi fuq il-forniment ta' kreditu lill-ekonomija mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan jista' jirrikjedi li l-Bank Ċentrali Ewropew, bil-ħsieb li jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jintroduċi limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-għodod ta' politika li jistgħu jintużaw għal dan l-għan jinkludu, iżda ma jkunux	(32) Użu mhux ristrett tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur jista' jipperikola l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro, b'effetti negattivi fuq il-forniment ta' kreditu lill-ekonomija mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan jista' jirrikjedi li l-Bank Ċentrali Ewropew, bil-ħsieb li jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jintroduċi limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-għodod ta' politika li jistgħu jintużaw għal dan l-għan jinkludu, iżda ma jkunux

ristretti għal, limiti kwantitattivi fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali u limiti fuq il-konverżjoni ta' kategoriji oħrajn ta' fondi għall-euro diġitali f'perjodu ta' żmien speċifikat. Meta jiddeċiedi dwar il-parametri u l-użu tal-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 1, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jirrispetta l-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, f'konformità mal-Artikolu 127(1) tat-TFUE.	ristretti għal, limiti kwantitattivi fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali u limiti fuq il-konverżjoni ta' kategoriji oħrajn ta' fondi għall-euro diġitali f'perjodu ta' żmien speċifikat. Meta jiddeċiedi dwar il-parametri u l-użu tal-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 1, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jirrispetta l-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, f'konformità mal-Artikolu 127(1) tat-TFUE. ***Jenħtieġ li l-konverżjoni tal-euro diġitali f'forom oħra tal-euro inklużi l-flus kontanti tkun dejjem mhux ristretta.***

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Bl-għan li tiġi salvagwardjata l-privatezza tal-utenti tal-euro diġitali offline kemm jista' jkun, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jikkunsidra l-introduzzjoni ta' limiti fuq l-ammonti miżmumin fuq kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali għal ammonti miżmumin offline u online indipendenti minn xulxin. Iż-żewġ limiti jistgħu jiġu kkalkulati individwalment abbażi tal-ispeċifiċitajiet ta' kull forma tal-euro diġitali. B'hekk, l-utenti tal-euro diġitali ma jitpoġġewx f'sitwazzjoni fejn it-tnaqqis tal-limitu tal-ammont miżmum tagħhom għall-euro diġitali offline jippermettilhom iżommu aktar euro diġitali online, u viċi versa. Sitwazzjoni bħal din tikkomprometti l-protezzjoni tal-privatezza tal-euro diġitali offline, peress li t-tibdil tal-limitu tal-ammont miżmum tiegħu min-naħa tal-utent jesponi l-ammont li fil-fatt ikollhom jew li jixtiequ jżommu. Dan jimmina wkoll ix-xebh tal-euro diġitali offline mal-flus kontanti, li għalihom ma jeżisti l-ebda limitu fuq l-ammont miżmum u l-ammont ta' flus kontanti li jkollu utent ma jiddependix fuq

l-ammont miżmum f'kont bankarju.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Huwa fundamentali li l-ħolqien tal-euro diġitali offline ma jipprovdix bażi għall-intraċċar jew il-kontroll ta' kif jintefaq meta mqabbel mal-flus kontanti.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Sabiex jiġu żgurati aċċess wiesa' għall-euro diġitali u l-użu tiegħu, b'mod konsistenti mal-istatus tiegħu ta' valuta legali, u sabiex jiġi appoġġat ir-rwol tiegħu bħala ankra monetarja fiż-żona tal-euro, persuni fiżiċi li jirrisjedu fiż-żona tal-euro, persuni fiżiċi li fetħu kont bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu jirresjedu fiż-żona tal-euro, iżda ma għadhomx jirresjedu hemmhekk, kif ukoll viżitaturi, jenħtieġ li ma jintalbux iħallsu għal servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali. Dan ifisser li jenħtieġ li utenti tal-euro diġitali bħal dawn ma jkollhomx xi tariffa diretta għall-aċċess bażiku tagħhom għall-euro diġitali u għall-użu bażiku tiegħu, inklużi tariffi tat-tranżazzjonijiet imposti jew kwalunkwe tariffa oħra li tkun direttament assoċjata mal-forniment ta' servizzi relatati mal-użu bażiku tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali ma jkunux meħtieġa jkollhom jew jiftħu kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali jew li jaċċettaw prodotti oħrajn tal-euro mhux diġitali. Meta l-utent tal-euro diġitali jaqbel dwar pakkett ta'	(40) Sabiex jiġu żgurati aċċess wiesa' għall-euro diġitali u l-użu tiegħu, b'mod konsistenti mal-istatus tiegħu ta' valuta legali, u sabiex jiġi appoġġat ir-rwol tiegħu bħala ankra monetarja fiż-żona tal-euro, persuni fiżiċi li jirrisjedu fiż-żona tal-euro, persuni fiżiċi li fetħu kont bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu jirresjedu fiż-żona tal-euro, iżda ma għadhomx jirresjedu hemmhekk, kif ukoll viżitaturi, jenħtieġ li ma jintalbux iħallsu għal servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali. Dan ifisser li jenħtieġ li utenti tal-euro diġitali bħal dawn ma jkollhomx xi tariffa diretta għall-aċċess bażiku tagħhom għall-euro diġitali u għall-użu bażiku tiegħu, inklużi tariffi tat-tranżazzjonijiet imposti jew kwalunkwe tariffa oħra li tkun direttament assoċjata mal-forniment ta' servizzi relatati mal-użu bażiku tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali ma jkunux meħtieġa jkollhom jew jiftħu kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali jew li jaċċettaw prodotti oħrajn tal-euro mhux diġitali. Meta l-utent tal-euro diġitali jaqbel dwar pakkett ta'

servizzi li jinkludi servizzi tal-euro mhux diġitali u servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li ***l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikun jista' jitlob tariffa għal dak il-pakkett*** ta' servizzi ***skont id-diskrezzjoni tiegħu***. ***F'dak il-każ***, jenħtieġ li ma jkunx hemm imposta differenzjata għas-servizzi tal-euro mhux diġitali meta jiġu offruti separatament jew bħala parti minn pakkett li jinkludi servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali. Meta l-utent tal-euro diġitali jitlob li jirċievi biss servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament, jenħtieġ li ma jintalabx ħlas għal dawk is-servizzi, inkluż għall-funzjonalitajiet kaskata u kaskata inversa meta l-utent tal-euro diġitali jkollu wkoll kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali ma' fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament. Jenħtieġ li l-forniturи ta' servizzi ta' pagament jkunu jistgħu jitolbu ħlas lill-utenti tal-euro diġitali għal servizzi addizzjonali ta' pagament bl-euro diġitali lil hinn mis-servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali.	servizzi li jinkludi servizzi tal-euro mhux diġitali u servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li ***l-inklużjoni ta' dawn tal-aħħar ma jkollha l-ebda effett fuq il-prezz tal-pakkett*** ta' servizzi. ***Fi kliem ieħor***, jenħtieġ li ma jkunx hemm imposta differenzjata għas-servizzi tal-euro mhux diġitali meta jiġu offruti separatament jew bħala parti minn pakkett li jinkludi servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali. Meta l-utent tal-euro diġitali jitlob li jirċievi biss servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament, jenħtieġ li ma jintalabx ħlas għal dawk is-servizzi, inkluż għall-funzjonalitajiet kaskata u kaskata inversa meta l-utent tal-euro diġitali jkollu wkoll kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali ma' fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament. Jenħtieġ li l-forniturи ta' servizzi ta' pagament jkunu jistgħu jitolbu ħlas lill-utenti tal-euro diġitali għal servizzi addizzjonali ta' pagament bl-euro diġitali lil hinn mis-servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-Bank Ċentrali Ewropew jew l-Eurosistema ma titlobx ħlas mill-forniturи ta' servizzi ta' pagament għall-kostijiet li ġġarrab sabiex tappoġġa l-forniment minnha ta' servizzi tal-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali.	(41) Il-Bank Ċentrali Ewropew jew l-Eurosistema ma titlobx ħlas mill-forniturи ta' servizzi ta' pagament għall-kostijiet li ġġarrab sabiex tappoġġa l-forniment minnha ta' servizzi tal-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali. ***Bl-istess mod, jenħtieġ li l-forniturи ta' servizzi ta' pagament ma jitolbux ħlas lill-utenti għall-ispejjeż li jġarrbu biex jappoġġaw l-użu tas-servizzi bażiċi tal-euro diġitali.***

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Distribuzzjoni eċċessiva tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro jista' jkollha impatt mhux mixtieq fuq id-daqs u fuq il-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali. L-impatti fuq is-sovranità monetarja u fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' pajjiżi li ma humiex fiż-żona tal-euro jistgħu jvarjaw ukoll skont l-użu tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro. Dawk l-impatti jistgħu jkunu ta' ħsara f'każ li l-euro diġitali jieħu post il-munita lokali f'numru kbir ta' tranżazzjonijiet domestiċi. B'mod partikolari, sitwazzjoni li fiha l-euro diġitali jsir dominanti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, u b'hekk de facto jissostitwixxi l-munita nazzjonali, tista' tfixkel il-kriterji u l-proċess tal-adozzjoni taż-żona tal-euro stabbiliti fl-Artikolu 140 tat-TFUE. Sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa u jiġu evitati r-riskji għas-sovranità monetarja u għall-istabbiltà finanzjarja, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnha, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, ***u li*** l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludi arranġamenti mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro ***u mal-banek ċentrali nazzjonali ta' pajjiżi terzi***, sabiex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-forniment regolari ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti barra miż-żona tal-euro. Jenħtieġ li t-tali ftehimiet u arranġamenti ma jkoprux viżitaturi fiż-żona tal-euro, li lilhom il-forniturи ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea 31 , f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jistgħu jipprovdu direttament servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.	(47) Distribuzzjoni eċċessiva tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro jista' jkollha impatt mhux mixtieq fuq id-daqs u fuq il-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali. L-impatti fuq is-sovranità monetarja u fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' pajjiżi li ma humiex fiż-żona tal-euro jistgħu jvarjaw ukoll skont l-użu tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro. Dawk l-impatti jistgħu jkunu ta' ħsara f'każ li l-euro diġitali jieħu post il-munita lokali f'numru kbir ta' tranżazzjonijiet domestiċi. B'mod partikolari, sitwazzjoni li fiha l-euro diġitali jsir dominanti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, u b'hekk de facto jissostitwixxi l-munita nazzjonali, tista' tfixkel il-kriterji u l-proċess tal-adozzjoni taż-żona tal-euro stabbiliti fl-Artikolu 140 tat-TFUE. Sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa u jiġu evitati r-riskji għas-sovranità monetarja u għall-istabbiltà finanzjarja, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnha, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi***. Jentieġ li*** l-Bank Ċentrali Ewropew ***jiġi mheġġeġ*** jikkonkludi arranġamenti mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, sabiex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-forniment regolari ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti barra miż-żona tal-euro***.*** ***Ftehimiet simili jistgħu jiġu konklużi mal-banek ċentrali nazzjonali ta' pajjiżi terzi***. Jenħtieġ li t-tali ftehimiet u arranġamenti ma jkoprux viżitaturi fiż-żona tal-euro, li lilhom il-forniturи ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea 31 , f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jistgħu jipprovdu direttament servizzi ta' pagament bl-euro

diġitali.

[31] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

[31] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Il-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ***ma hijiex*** l-euro jenħtieġ li ***jkun soġġett għal*** arranġament minn qabel bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali tal-Istat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, wara talba mill-Istat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro. F'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro jistgħu jiġu pprovduti b'servizzi ta' pagament bl-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.	(48) ***L-użu primarju tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro jenħtieġ li ma jwassalx għal diskriminazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jew inkella joħolqu standards doppji fis-suq uniku b'mod involontarju. L-utenti prospettivi tal-euro diġitali f'tali Stati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jużaw l-euro diġitali b'mod volontarju meta possibbli.*** Il-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ***mhijiex*** l-euro jenħtieġ li ***jsir possibbli b'***arranġament minn qabel bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali tal-Istat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, wara talba mill-Istat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro***. Tali arranġament jenħtieġ li jiżgura li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jsiru utenti tal-euro diġitali fl-Istat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jirċievu l-istess kundizzjonijiet u opportunitajiet għall-aċċess għall-euro diġitali bħall-utenti tal-euro diġitali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari fir-rigward tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin, il-firxa tas-servizzi bażiċi mingħajr ħlas, eċċ., mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew li jissalvagwardja l-objettivi tal-politika monetarja tiegħu***. F'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika

	Ewropea, l-utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro jistgħu jiġu pprovduti b'servizzi ta' pagament bl-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Jenħtieġ li l-ftehimiet u l-arranġamenti relatati mal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jew ta' pagamenti bejn il-muniti li jinvolvu l-euro diġitali jiġu konklużi fuq bażi volontarja, bi prijorità mal-Istati Membri li ma humiex fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkoopera mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro għall-finijiet ta' pagamenti bejn il-muniti li jinvolvu l-euro diġitali.	(53) Jenħtieġ li l-ftehimiet u l-arranġamenti relatati mal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jew ta' pagamenti bejn il-muniti li jinvolvu l-euro diġitali jiġu konklużi fuq bażi volontarja, bi prijorità mal-Istati Membri li ma humiex fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkoopera ***b'mod attiv*** mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro għall-finijiet ta' pagamenti bejn il-muniti li jinvolvu l-euro diġitali.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-	(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-

servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi, u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, jista' jappoġġa kompatibbiltà bħal din. Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi, u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, jista' jappoġġa kompatibbiltà bħal din. ***B'mod speċifiku, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jagħti preferenza lill-użu ta' standards miftuħa fejn dawn l-istandards ikunu disponibbli.*** Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti b'servizzi front-end. Jenħtieġ li dawk l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq servizzi ta' pagament front-end ipprovduti minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari fil-każ li fih il-kost tal-iżvilupp u tal-operat ta' servizzi ta' pagament front-end, li jinkludu applikazzjonijiet, ikun sproporzjonat. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa' f'idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament tal-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***għandhom*** jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex ***jiżguraw*** li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ***ma tkunx tista'*** tiġi aċċessata mill-BĊE ***permezz tas-soluzzjoni front-end***	(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti b'servizzi front-end. Jenħtieġ li dawk l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq servizzi ta' pagament front-end ipprovduti minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari fil-każ li fih il-kost tal-iżvilupp u tal-operat ta' servizzi ta' pagament front-end, li jinkludu applikazzjonijiet, ikun sproporzjonat. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa' f'idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament tal-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. ***Jenħtieġ li*** l-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex ***jagħmluha teknoloġikament impossibbli*** li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali tiġi aċċessata mill-BĊE.

tiegħu.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Sabiex tiġi evitata interferenza fir-relazzjonijiet mal-klijenti tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament u fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew ikunu limitati għall-provvista ta' interfaċċa bejn l-utenti tal-euro diġitali u l-infrastrutturi ta' pagament tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, l-Eurosistema ma jkollhiex relazzjoni kuntrattwali mal-utenti tal-euro diġitali anki jekk dawk l-utenti jużaw is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li l-BĊE u l-forniturи ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex ***jiżguraw*** li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ***ma tkunx tista'*** tiġi aċċessata mill-BĊE ***permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu***.	(62) Sabiex tiġi evitata interferenza fir-relazzjonijiet mal-klijenti tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament u fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew ikunu limitati għall-provvista ta' interfaċċa bejn l-utenti tal-euro diġitali u l-infrastrutturi ta' pagament tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, l-Eurosistema ma jkollhiex relazzjoni kuntrattwali mal-utenti tal-euro diġitali anki jekk dawk l-utenti jużaw is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. ***Jenħtieġ li*** l-Bank Ċentrali Ewropew u l-forniturи ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex ***jagħmluha teknoloġikament impossibbli*** li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali tiġi aċċessata mill-BĊE.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Sabiex jiġi pprovdut saldu istantanju, it-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali kemm online kif ukoll offline, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament u tad-definanzjament, u bħala funzjonalitajiet	(64) Sabiex jiġi pprovdut saldu istantanju, it-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali kemm online kif ukoll offline, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament u tad-definanzjament, u bħala funzjonalitajiet

kaskata u kaskata inversa, jenħtieġ li jiġu saldati b'mod istantanju, fi ftit sekondi biss, f'ċirkostanzi normali. Is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jenħtieġ li jsir fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema. Jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali jenħtieġ li jinkiseb fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-euro diġitali kkonċernat tal-pagatur u tal-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Bank Ċentrali Ewropew, irrispettivament minn jekk il-euros diġitali jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata. Jenħtieġ li l-infrastruttura diġitali għas-saldu bl-euro tfittex li tiżgura l-adattament għal teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit.

kaskata u kaskata inversa, jenħtieġ li jiġu saldati b'mod istantanju, fi ftit sekondi biss, f'ċirkostanzi normali. Is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jenħtieġ li jsir fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema. Jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali jenħtieġ li jinkiseb fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-euro diġitali kkonċernat tal-pagatur u tal-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Bank Ċentrali Ewropew, irrispettivament minn jekk il-euros diġitali jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata. Jenħtieġ li l-infrastruttura diġitali għas-saldu bl-euro tfittex li tiżgura l-adattament għal teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit. ***Minħabba s-sensittività tad-data li għandha tinħażen fl-infrastruttura għas-saldu, il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku kif definiti fir-Regolament 2016/679 jenħtieġ li jiġu riflessi kif xieraq fl-iżvilupp tiegħu, flimkien mal-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa f'dan ir-rigward.***

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Għal raġunijiet ta' libertà kuntrattwali u sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom il-possibbiltà li jibdlu l-kontijiet ta' pagament tagħhom bl-euro diġitali għal fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament. Fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta'	(67) Għal raġunijiet ta' libertà kuntrattwali u sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom il-possibbiltà li jibdlu l-kontijiet ta' pagament tagħhom bl-euro diġitali għal fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament ***mingħajr ħlas***. Fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta'

pagament jenħtieġ li mbagħad jippermettu l-bdil tal-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, filwaqt li jinżammu l-istess identifikaturi tal-kontijiet. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx jista' jwettaq dan il-kompitu, inkluż minħabba li jkun tilef id-data diġitali rilevanti relatata mal-kont ta' pagament bl-euro, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jawtorizza l-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali sabiex il-fornitur il-ġdid ta' servizzi ta' pagament dežinjat mill-utent tal-euro diġitali jkun jista' jikseb l-informazzjoni dwar l-ammonti miżmumin ta' euro diġitali tal-utent tal-euro diġitali u jlesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. Jenħtieġ li dan il-proċess jippermetti lil utent tal-euro diġitali jkompli jkollu aċċess għall-ammonti miżmumin ta' euro diġitali tiegħu permezz tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament dežinjat ġdid. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma jkollu l-ebda rwol operazzjonali tal-bdil tal-kontijiet kemm f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat kif ukoll f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

servizzi ta' pagament jenħtieġ li mbagħad jippermettu l-bdil tal-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, filwaqt li jinżammu l-istess identifikaturi tal-kontijiet. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx jista' jwettaq dan il-kompitu, inkluż minħabba li jkun tilef id-data diġitali rilevanti relatata mal-kont ta' pagament bl-euro, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jawtorizza l-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali sabiex il-fornitur il-ġdid ta' servizzi ta' pagament dežinjat mill-utent tal-euro diġitali jkun jista' jikseb l-informazzjoni dwar l-ammonti miżmumin ta' euro diġitali tal-utent tal-euro diġitali u jlesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. Jenħtieġ li dan il-proċess jippermetti lil utent tal-euro diġitali jkompli jkollu aċċess għall-ammonti miżmumin ta' euro diġitali tiegħu permezz tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament dežinjat ġdid. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma jkollu l-ebda rwol operazzjonali tal-bdil tal-kontijiet kemm f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat kif ukoll f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Il-prevenzjoni tal-frodi mill-forniturі ta' servizzi ta' pagamenti hija essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali, għall-integrità tad-data personali pproċessata fil-pagament bl-euro diġitali, u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali. Il-prevenzjoni tal-frodi għandha rwol essenzjali fiż-żamma tal-fiduċja fil-munita unika. Għal dan l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi	(68) Il-prevenzjoni tal-frodi mill-forniturі ta' servizzi ta' pagamenti hija essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali, għall-integrità tad-data personali pproċessata fil-pagament bl-euro diġitali, u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali. Il-prevenzjoni tal-frodi għandha rwol essenzjali fiż-żamma tal-fiduċja fil-munita unika. Għal dan l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi

sabiex jappoġġa l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-frodi mwettqin mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fuq tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali. Mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni jipprovdi firxa ta' funzjonijiet essenzjali biex jiġu identifikati xejriet ta' frodi li fornitur uniku ta' servizzi ta' pagament ma setax jidentifika waħdu. Spiss fornitur wieħed ta' servizzi ta' pagament ma jkollux l-istampa sħiħa dwar l-elementi kollha li jistgħu jwasslu għal detezzjoni f'waqtha tal-frodi. Madankollu, dan jista' jsir aktar effettiv b'informazzjoni dwar attività potenzjalment frodulenti li tirriżulta minn fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament. Din il-funzjoni ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi teżisti fi skemi ta' pagament komparabbli u hija meħtieġa biex jinkisbu rati ta' frodi baxxi b'mod ċar sabiex l-euro diġitali jinżamm sigur kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti. Jenħtieġ li t-trasferiment ta' informazzjoni bejn il-PSPs u l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jkunu soġġetti għal miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-utenti individwali tal-euro diġitali ma jiġux identifikati mill-mekkaniżmu ċentrali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.	sabiex jappoġġa l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-frodi mwettqin mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fuq tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali. Mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni jipprovdi firxa ta' funzjonijiet essenzjali biex jiġu identifikati xejriet ta' frodi li fornitur uniku ta' servizzi ta' pagament ma setax jidentifika waħdu. Spiss fornitur wieħed ta' servizzi ta' pagament ma jkollux l-istampa sħiħa dwar l-elementi kollha li jistgħu jwasslu għal detezzjoni f'waqtha tal-frodi. Madankollu, dan jista' jsir aktar effettiv b'informazzjoni dwar attività potenzjalment frodulenti li tirriżulta minn fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament. Din il-funzjoni ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi teżisti fi skemi ta' pagament komparabbli u hija meħtieġa biex jinkisbu rati ta' frodi baxxi b'mod ċar sabiex l-euro diġitali jinżamm sigur kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti. Jenħtieġ li t-trasferiment ta' informazzjoni bejn il-PSPs u l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jkunu soġġetti għal miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-utenti individwali tal-euro diġitali ma jiġux identifikati mill-mekkaniżmu ċentrali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi, ***kif ukoll għal salvagwardji xierqa li jipprevjenu l-preġudizzju algoritmiku***.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) Id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali huma drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif enfasizzat mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-	(70) Id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali huma drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif enfasizzat mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-

Data[34] , standard għoli ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-data huwa kruċjali sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-Ewropej fl-euro diġitali tal-futur. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji tal-Ordni Pubbliku tal-G7 għall-Muniti Diġitali tal-Banek Ċentrali għall-Konsumatur. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji tal-Ordni Pubbliku tal-G7 għall-Muniti Diġitali tal-Banek Ċentrali għall-Konsumatur. L-ipproċessar ta' data personali għall-konformità u fil-kuntest ta' dan ir-Regolament isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679[35] u mar-Regolament (UE) ***2018/1715***[36] , kif ukoll, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2002/58/KE[37] .

[34] Id-dikjarazzjoni dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data adottata fl-10 ta' Ottubru 2022.

[35] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98.

[37] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201,

Data[34] , standard għoli ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-data huwa kruċjali sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-Ewropej fl-euro diġitali tal-futur. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji tal-Ordni Pubbliku tal-G7 għall-Muniti Diġitali tal-Banek Ċentrali għall-Konsumatur. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji tal-Ordni Pubbliku tal-G7 għall-Muniti Diġitali tal-Banek Ċentrali għall-Konsumatur. L-ipproċessar ta' data personali għall-konformità u fil-kuntest ta' dan ir-Regolament isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679[35] u mar-Regolament (UE) ***2018/1725***[36] , kif ukoll, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2002/58/KE[37]***, b'mod partikolari f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku***.

[34] Id-dikjarazzjoni dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data adottata fl-10 ta' Ottubru 2022.

[35] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98.

[37] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201,

31.07.2002, p. 37.	31.07.2002, p. 37.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Għalhekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jitfassal sabiex jiġi mminimizzat l-ipproċessar ta' data personali mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak li jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun disponibbli offline, b'livell ta' privatezza vis-à-vis il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li huwa komparabbli mal-prelevamenti ta' karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus. Jenħtieġ li s-saldu ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali jkun imfassal b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.	(71) Għalhekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jitfassal sabiex jiġi mminimizzat l-ipproċessar ta' data personali mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak li jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-euro diġitali***, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR***. Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun disponibbli offline, b'livell ta' privatezza vis-à-vis il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li huwa komparabbli mal-prelevamenti ta' karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus. Jenħtieġ li s-saldu ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali jkun imfassal b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli. ***Barra minn hekk, għall-fini ta' awtentikazzjoni u identifikazzjoni u f'konformità mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u l-privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku kif stabbilit fir-Regolament 2016/679, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jipprovdu b'mod awtomatiku metodi ta' awtentikazzjoni u identifikazzjoni li ma jiddependux fuq data bijometrika.***

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Jenħtieġ li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u l-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku jkunu parti integrali fis-sistemi kollha ta' pproċessar tad-data żviluppati u użati fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' data personali jkun soġġett għal salvagwardji xierqa sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data. Jenħtieġ li dawk is-salvagwardji jiżguraw li l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali jkunu fis-seħħ b'mod partikolari sabiex jiżguraw ir-rispett għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u fir-Regolament (UE) ***2018/1715***, inklużi l-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-iskop.	(72) Jenħtieġ li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u l-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku jkunu parti integrali fis-sistemi kollha ta' pproċessar tad-data żviluppati u użati fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' data personali jkun soġġett għal salvagwardji xierqa sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data. Jenħtieġ li dawk is-salvagwardji jiżguraw li l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali jkunu fis-seħħ b'mod partikolari sabiex jiżguraw ir-rispett għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u fir-Regolament (UE) ***2018/1725***, inklużi l-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-iskop. ***Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, jista' joħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u ta' organizzazzjoni xierqa inklużi tekniki ta' psewdonimizzazzjoni għall-finijiet tal-euro diġitali.***

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jipproċessaw data personali sa fejn ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li huma essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. F'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' pproċessar jitqiesu bħala legali fir-rigward tal-euro diġitali jekk u sa fejn ikunu neċessarji għall-konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur skont dan ir-Regolament. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-infurzar	(73) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jipproċessaw data personali sa fejn ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li huma essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. F'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' pproċessar jitqiesu bħala legali fir-rigward tal-euro diġitali jekk u sa fejn ikunu neċessarji għall-konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur skont dan ir-Regolament. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-infurzar

tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin, il-bidu tal-finanzjament u d-definanzjament tal-ammonti miżmumin ta' utent, u l-ġestjoni tal-apparati għall-ħżin lokali għall-pagamenti offline bl-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament se jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Barra minn hekk, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipproċessaw data personali ***sabiex jikkonformaw mal-kompiti eżistenti fl-interess pubbliku jew*** għall-konformità ma' obbligu legali stabbilit fid-dritt tal-Unjoni li japplika għall-fondi definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366. Dawn il-kompiti japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni ta' frodi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2366, għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849, għat-twettiq ta' obbligi relatati mat-tassazzjoni u mal-evitar tat-taxxa, u għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u tas-sigurtà f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/255.

tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin, il-bidu tal-finanzjament u d-definanzjament tal-ammonti miżmumin ta' utent, u l-ġestjoni tal-apparati għall-ħżin lokali għall-pagamenti offline bl-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament se jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Barra minn hekk, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipproċessaw data personali għall-konformità ma' obbligu legali stabbilit fid-dritt tal-Unjoni li japplika għall-fondi definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366. Dawn il-kompiti japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni ta' frodi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2366, għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849, għat-twettiq ta' obbligi relatati mat-tassazzjoni u mal-evitar tat-taxxa, u għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u tas-sigurtà f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/255.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali huma pagamenti ta' prossimità fiżika ("wiċċ imb wiċċ"). Għandhom similaritajiet ma' tranżazzjonijiet fi flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini ta' privatezza. Għalhekk, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma jipproċessawx data personali relatata ma' tranżazzjonijiet	(75) Tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali huma pagamenti ta' prossimità fiżika ("wiċċ imb wiċċ"). Għandhom similaritajiet ma' tranżazzjonijiet fi flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini ta' privatezza. ***F'dak is-sens, huwa fundamentali li l-ħolqien tal-euro diġitali offline ma jipprovdix bażi għall-intraċċar***

ta’ pagament offline bl-euro diġitali, iżda biss data personali relatata mad-depożitu jew mal-prelevament ta’ euro diġitali minn kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali sabiex jintefgħu fuq apparati għall-ħżin lokali, jew mill-apparati għall-ħżin lokali għall-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali. Dan jinkludi l-identifikatur tal-apparati għall-ħżin lokali li l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jattribwixxu lil utent tal-euro diġitali li jżomm euro diġitali offline. Dak il-livell ta’ privatezza jkun komparabbli mal-prelevamenti ta’ karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus meta l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jipproċessaw data personali relatata mal-identità tal-utenti u data li tappartjeni għal kif ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ definanzjament. Dan ifisser li jenħtieġ li ma jseħħ l-ebda monitoraġġ tad-data tat-tranżazzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline bl-euro diġitali.

jew il-kontroll ta’ kif jintefaq meta mqabbel mal-flus kontanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma jipproċessawx data personali relatata ma’ tranżazzjonijiet ta’ pagament offline bl-euro diġitali, iżda biss data personali relatata mad-depożitu jew mal-prelevament ta’ euro diġitali minn kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali sabiex jintefgħu fuq apparati għall-ħżin lokali, jew mill-apparati għall-ħżin lokali għall-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali. Dan jinkludi l-identifikatur tal-apparati għall-ħżin lokali li l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jattribwixxu lil utent tal-euro diġitali li jżomm euro diġitali offline. Dak il-livell ta’ privatezza jkun komparabbli mal-prelevamenti ta’ karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus meta l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jipproċessaw data personali relatata mal-identità tal-utenti u data li tappartjeni għal kif ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ definanzjament. Dan ifisser li jenħtieġ li ma jseħħ l-ebda monitoraġġ tad-data tat-tranżazzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline bl-euro diġitali.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkunu essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Fil-qafas ta’ dan ir-regolament, l-ipproċessar ta’ data personali għall-finijiet tas-saldu ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali u l-ġestjoni tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu	(76) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkunu essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Fil-qafas ta’ dan ir-regolament, l-ipproċessar ta’ data personali għall-finijiet tas-saldu ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali u l-ġestjoni tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu

mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-kompitu li jinżammu s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali jinkludi attivitajiet relatati mal-iżgurar tal-istabbiltà u tar-reżiljenza operazzjonali tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jipproċessaw data personali għal dawn il-kompiti billi jużaw miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħall-psewdonimizzazzjoni jew il-kriptaġġ, sabiex jiżguraw li d-data ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġi identifikat direttament utent speċifiku tal-euro diġitali.	mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. ***Għalhekk, il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali hija prevista fl-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/679 għall-banek nazzjonali u fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-Bank Ċentrali Ewropew.*** Il-kompitu li jinżammu s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali jinkludi attivitajiet relatati mal-iżgurar tal-istabbiltà u tar-reżiljenza operazzjonali tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jipproċessaw data personali għal dawn il-kompiti billi jużaw miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħall-psewdonimizzazzjoni jew il-kriptaġġ, sabiex jiżguraw li d-data ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġi identifikat direttament utent speċifiku tal-euro diġitali.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti ta' żamma u l-iżgurar tal-bdil eċċezzjonali ta' kontijiet diġitali ta' pagament tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq talba tal-utent tal-euro diġitali, huwa meħtieġ punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali madwar iż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali jistgħu jżommu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. Meta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali	(77) Għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti ta' żamma u l-iżgurar tal-bdil eċċezzjonali ta' kontijiet diġitali ta' pagament tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq talba tal-utent tal-euro diġitali, huwa meħtieġ punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali madwar iż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali jistgħu jżommu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. Meta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali

nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jikkunsidraw, fejn xieraq u biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ksur tad-data, l-użu tal-ħżin deċentralizzat tad-data.	nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u ***proporzjonat u*** li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jikkunsidraw, fejn xieraq u biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ksur tad-data, l-użu tal-ħżin deċentralizzat tad-data. ***Huma jistgħu jikkunsidraw ukoll li jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-bilanċi tal-kontijiet ikunu jistgħu jissarrfu direttament mill-utenti permezz tal-użu ta' kodiċi ta' backup.***

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(78) Bil-pakkett tagħha dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Lulju 2021[38] , ("pakkett dwar l-AML"), il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ b'mod sinifikanti r-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ***("AML")*** madwar l-Unjoni. F'konformità ma' dak l-objettiv u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-AML/CFT għall-euro diġitali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jkunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-AML/CFT stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849.	(78) Bil-pakkett tagħha dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Lulju 2021[38] , ("pakkett dwar l-AML"), il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ b'mod sinifikanti r-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ***u l-finanzjament tat-terroriżmu ("AML/CFT")*** madwar l-unjoni. F'konformità ma' dak l-objettiv u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-AML/CFT għall-euro diġitali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jkunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-AML/CFT stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849.
[38] Proposta għal regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu (COM/2021/420 final); Il-Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-mekkaniżmi li l-	[38] Proposta għal regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu (COM/2021/420 final); Il-Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-mekkaniżmi li l-

Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu sabiex jipprevjenu l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ML/TF, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (COM/2021/423 final); Proposta għal Regolament li joħloq Awtorità tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (“AMLA”) (COM/2021/421 final); u l-Proposta għar-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/847 li tespandi r-rekwiżiti ta’ traċċabilità għall-kriptoassi (COM/2021/422 final)	Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu sabiex jipprevjenu l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ML/TF, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (COM/2021/423 final); Proposta għal Regolament li joħloq Awtorità tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (“AMLA”) (COM/2021/421 final); u l-Proposta għar-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/847 li tespandi r-rekwiżiti ta’ traċċabilità għall-kriptoassi (COM/2021/422 final)

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(79) Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mifrux tal-euro diġitali, huwa essenzjali li l-utenti prospettivi tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw faċilment is-servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali pprovduti mill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament b’mod armonizzat fiż-żona tal-euro kollha. Għalhekk, huwa xieraq li, mingħajr ebda preġudizzju għall-approċċ tar-riskju li jsostni l-pakkett dwar l-AML, ***l-awtorità*** tal-Unjoni ***għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus*** (“AMLA”) tindirizza l-ftuħ tal-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali fl-Istandards Tekniċi Regolatorji tagħha dwar id-diliġenza dovuta tal-klijenti. Għal tranżazzjonijiet jew għal relazzjonijiet kummerċjali b’riskju baxx, jenħtieġ li l-AMLA tidentifika miżuri ta’ diliġenza dovuta simplifikati rilevanti li jenħtieġ li jiġu applikati mill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament. Jenħtieġ li l-AMLA tagħti prijorità lill-iżvilupp ta’ dawn l-Istandards Tekniċi Regolatorji.	(79) Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mifrux tal-euro diġitali, huwa essenzjali li l-utenti prospettivi tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw faċilment is-servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali pprovduti mill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament b’mod armonizzat fiż-żona tal-euro kollha. Għalhekk, huwa xieraq li, mingħajr ebda preġudizzju għall-approċċ tar-riskju li jsostni l-pakkett ***leġiżlattiv*** dwar l-AML, ***l-Awtorità tal-Unjoni għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus*** (“AMLA”) tindirizza l-ftuħ tal-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali fl-Istandards Tekniċi Regolatorji tagħha dwar id-diliġenza dovuta tal-klijenti ***żviluppati f’konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament AML [Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu]***. Għal tranżazzjonijiet jew għal relazzjonijiet kummerċjali b’riskju baxx, jenħtieġ li l-AMLA tidentifika miżuri ta’ diliġenza dovuta simplifikati rilevanti li jenħtieġ li jiġu applikati mill-fornituri ta’ servizzi ta’

	pagament. Jenħtieġ li l-AMLA tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' dawn l-Istandards Tekniċi Regolatorji.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "kont ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kont miżmum minn utent wieħed jew aktar tal-euro diġitali ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament sabiex jaċċessa l-euro diġitali rreġistrat fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali jew f'apparat ***offline tal-euro diġitali*** u sabiex jibda jew jirċievi tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, kemm jekk offline kif ukoll online, u irrispettivament mit-teknoloġija u mill-istruttura tad-data;	5. "kont ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kont miżmum minn utent wieħed jew aktar tal-euro diġitali ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament sabiex jaċċessa l-euro diġitali rreġistrat fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali jew f'apparat ***ta' ħżin lokali*** u sabiex jibda jew jirċievi tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, kemm jekk offline kif ukoll online, u irrispettivament mit-teknoloġija u mill-istruttura tad-data;

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***uniku użat*** sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament ***li tqassam l-euro diġitali*** jew mill-utent tal-euro diġitali;	28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***magħmul min-numru uniku tal-kont tal-euro diġitali u, fuq talba mill-utent tal-euro diġitali, indikaturi addizzjonali, li jidentifikaw b'mod mhux ambigwu kont ta' pagament bl-euro diġitali u huma użati*** sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew mill-utent tal-euro diġitali;

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
31. "apparati mobbli" tfisser apparat li jippermetti lill-utenti tal-euro diġitali jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online jew offline inklużi b'mod partikolari smartphones, tablets, arloġġi intelliġenti u apparati ta' kull tip li jintlibsu.	31. "apparati mobbli" tfisser ***terminal ta' pagament jew*** apparat li jippermetti lill-utenti tal-euro diġitali jawtorizzaw ***b'mod sigur*** tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online jew offline inklużi b'mod partikolari ***iżda mhux limitat għal*** smartphones, tablets, arloġġi intelliġenti u apparati ta' kull tip li jintlibsu***, kif ukoll kards u USB sticks li fihom apparat ta' ħżin lokali***.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. "apparat ta' ħżin lokali" tfisser apparat mobbli jew terminal ta' pagament użat minn prenditur li fih iseħħu l-awtorizzazzjoni u s-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, 33, 34, 35 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta	1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, 33, 34, 35 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta

skont l-Artikolu 37.	skont l-Artikolu 37. ***Meta tabbozza atti delegati u ta' implimentazzjoni skont l-Artikoli msemmija f'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.***

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-euro diġitali għandu jkun regolat ukoll bil-miżuri, bir-regoli u bl-istandards dettaljati li jistgħu jiġu adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta dawn il-miżuri, ir-regoli u l-istandards dettaljati jkollhom impatt fuq ***il-protezzjoni*** tad-drittijiet u ***tal-libertà*** tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-adozzjoni tagħhom.	2. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-euro diġitali għandu jkun regolat ukoll bil-miżuri, bir-regoli u bl-istandards dettaljati li jistgħu jiġu adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta dawn il-miżuri, ir-regoli u l-istandards dettaljati jkollhom impatt fuq ***il-privatezza u l-protezzjoni*** tad-drittijiet u ***tal-libertajiet*** tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali ***tagħhom***, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-adozzjoni tagħhom. ***Tali miżuri, regoli u standards dettaljati għandhom jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679, u għandhom jimplimentaw teknoloġiji li jtejbu l-privatezza, fejn ikun teknikament possibbli.***

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-	2. Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif issostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva dwar servizzi ta' ħlas u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern - COM/2023/366 final], għandha tirregola s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim tas-sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u tal-Istati Membri ospitanti, rigward il-konformità mill-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament tal-obbligi tagħhom f'konformità mal-Kapitoli IV, V, VI u VII ta' dan ir-Regolament.	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif issostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva dwar servizzi ta' ħlas u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern - COM/2023/366 final] ***u r-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 - COM(2023) 367 final]***, għandha tirregola s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim tas-sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u tal-Istati Membri ospitanti, rigward il-konformità mill-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament tal-obbligi tagħhom f'konformità mal-Kapitoli IV, V, VI u VII ta' dan ir-Regolament.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725 għandhom jirregolaw is-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim ta' sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u l-Istati Membri ospitanti, fir-rigward tal-konformità mill-kontrolluri tad-data tal-obbligi tagħhom skont il-Kapitolu VIII ta' dan ir-Regolament.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn ***10 persuni*** jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***iż-EUR 2*** miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [44] , sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali ***komparabbli*** ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn ***50 persuna*** jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***il-EUR 5*** miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [44] , sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali ta' pagamenti;
[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).	[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestringi l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2). Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.	Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestringi***, bl-għan li jissalvagwardja l-objettivi tal-politika monetarja tiegħu,*** l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2). Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara ***l-approvazzjoni minn qabel*** mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara ***l-permess*** mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. F'każ li fornitur ta' servizzi ta' pagament li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jidħol fi proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti simili oħra, l-ammonti miżmuma ta' euro diġitali ta' utenti tal-euro diġitali ma għandhomx jiġu affettwati.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali lil persuni fiżiċi ***msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a) li ma jkollhomx jew li ma jkunux jixtiequ***	(a) jipprovdu servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali lil persuni fiżiċi;

jżommu kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdu servizzi bażiċi ta' pagament diġitali u jipprovdu appoġġ għall-inklużjoni diġitali pprovdut wiċċ imb wiċċ bi prossimità ***viżika*** lil persuni b'diżabilità, b'limitazzjonijiet funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u lill-anzjani.	(b) jipprovdu servizzi bażiċi ta' pagament diġitali u jipprovdu appoġġ għall-inklużjoni diġitali pprovdut wiċċ imb wiċċ bi prossimità ***fiżika għall-utenti kollha, b'attenzjoni speċjali*** lil persuni b'diżabilità, b'limitazzjonijiet funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u lill-anzjani.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti kollha tal-euro diġitali jkollhom aċċess suffiċjenti u effettiv għall-entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, b'livell għoli ta' appoġġ u servizzi, imfassla b'mod partikolari għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi vulnerabbli.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jipprovdu appoġġ għall-inklużjoni diġitali lil persuni b'diżabilità, b'limitazzjonijiet	4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jipprovdu appoġġ għall-inklużjoni diġitali lil persuni b'diżabilità, b'limitazzjonijiet

funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u lill-persuni anzjani. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-punt (b), l-appoġġ għall-inklużjoni diġitali għandu jinkludi assistenza ddedikata għall-onboarding lejn kont bl-euro diġitali u bl-użu tas-servizzi bażiċi tal-euro diġitali kollha.	funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u lill-persuni anzjani. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-punt (b), l-appoġġ għall-inklużjoni diġitali għandu jinkludi assistenza ddedikata għall-onboarding lejn kont bl-euro diġitali u bl-użu tas-servizzi bażiċi tal-euro diġitali kollha. ***L-appoġġ għall-inklużjoni diġitali għandu jingħata mingħajr ħlas bħala parti mis-servizzi bażiċi tal-euro diġitali.***

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-awtorità tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus*** ("AMLA") stabbilita skont ir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal referenza - proposta għal Regolament li joħloq Awtorità tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu ("AMLA") - COM/2021/421 final)] u l-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom joħorġu b'mod konġunt linji gwida li jispeċifikaw l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-AML/CFT u l-forniment ta' servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali b'enfasi partikolari fuq l-inklużjoni finanzjarja ta' gruppi vulnerabbli inklużi l-applikanti għall-ażil jew il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, individwi mingħajr indirizz fiss jew ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom tkun impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali.	5. ***L-Awtorità tal-Unjoni għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus*** ("AMLA") stabbilita skont ir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal referenza - proposta għal Regolament li joħloq Awtorità tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu ("AMLA") - COM/2021/421 final)] u l-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom joħorġu b'mod konġunt linji gwida li jispeċifikaw l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-AML/CFT u l-forniment ta' servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali b'enfasi partikolari fuq l-inklużjoni finanzjarja ta' gruppi vulnerabbli inklużi l-applikanti għall-ażil jew il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, individwi mingħajr indirizz fiss jew ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom tkun impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(1), il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżviluppa strumenti sabiex jillimita l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur u għandu jiddeċiedi dwar il-parametri u l-użu tagħhom, f'konformità mal-qafas stabbilit f'dan l-Artikolu. Il-PSPs li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 lil persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmijin fl-Artikolu 12(1) għandhom japplikaw dawn il-limiti għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(1)**,** ***jekk jiġu stabbiliti limiti***, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżviluppa strumenti sabiex jillimita l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur u għandu jiddeċiedi dwar il-parametri u l-użu tagħhom, f'konformità mal-qafas stabbilit f'dan l-Artikolu. Il-PSPs li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 lil persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmijin fl-Artikolu 12(1) għandhom japplikaw dawn il-limiti għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jirriflettu x-xejriet kontemporanji u r-riskji relatati mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kwalunkwe limitu fuq l-ammonti miżmumin f'kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali adottat skont il-paragrafu 1 għandu japplika kemm għall-ammonti miżmumin offline kif ukoll online. Meta utent tal-euro diġitali juża kemm euro diġitali offline kif ukoll online, il-limitu li japplika għall-euro diġitali online għandu jkun daqs il-limitu ġenerali ddeterminat mill-Bank Ċentrali Ewropew nieqes il-limitu ta' żamma għall-euro diġitali offline stabbilit mill-utenti tal-	4. Kwalunkwe limitu fuq l-ammonti miżmumin f'kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali adottat skont il-paragrafu 1 għandu japplika kemm għall-ammonti miżmumin offline kif ukoll online. Meta utent tal-euro diġitali juża kemm euro diġitali offline kif ukoll online, il-limitu li japplika għall-euro diġitali online għandu jkun daqs il-limitu ġenerali ddeterminat mill-Bank Ċentrali Ewropew nieqes il-limitu ta' żamma għall-euro diġitali offline stabbilit mill-utenti tal-

euro diġitali. Utent tal-euro diġitali jista' jistabbilixxi l-limitu ta' parteċipazzjoni offline tiegħu fi kwalunkwe ammont bejn żero u l-limitu ta' parteċipazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37.	euro diġitali. Utent tal-euro diġitali jista' jistabbilixxi l-limitu ta' parteċipazzjoni offline tiegħu fi kwalunkwe ammont bejn żero u l-limitu ta' parteċipazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jikkunsidra wkoll li jintroduċi limiti għall-euro diġitali online u offline indipendenti minn xulxin, bl-għan li tiġi ssalvagwardjata l-privatezza tal-utenti tal-euro diġitali offline kemm jista' jkun.***

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u jivverifikaw il-konformità miegħu. Kwalunkwe informazzjoni mitluba għandha tintbagħat mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrikjedi li tali informazzjoni tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti.	4. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u jivverifikaw il-konformità miegħu. ***Fejn din l-informazzjoni tikkonċerna data personali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jirrikjedi biss id-data li tkun strettament meħtieġa għall-finijiet tal-ipproċessar, u b'implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data.*** Kwalunkwe informazzjoni mitluba għandha tintbagħat mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrikjedi li tali informazzjoni tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti. ***or.***

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament

jistgħu jqassmu biss l-euro diġitali lil persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma hijiex l-euro jekk il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jkunu ffirmaw arranġament għal dak l-għan.	jistgħu jqassmu biss l-euro diġitali lil persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma hijiex l-euro jekk il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jkunu ffirmaw arranġament għal dak l-għan. ***Bit-tali arranġament, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew li huma stabbiliti f'dak l-Istat Membru li jixtiequ jsiru utenti tal-euro diġitali għandhom jirċievu l-istess kundizzjonijiet u opportunitajiet għall-użu tal-euro diġitali bħall-utenti tal-euro diġitali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew li jissalvagwardja l-objettivi tal-politika monetarja tiegħu.***

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-ftehim*** imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jispeċifika l-miżuri u l-proċeduri ta' implimentazzjoni neċessarji, u l-każijiet li fihom ***il-ftehim*** jista' jiġi ristrett, sospiż, jew itterminat.	3. ***L-arranġament*** imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jispeċifika l-miżuri u l-proċeduri ta' implimentazzjoni neċessarji, u l-każijiet li fihom ***l-arranġament*** jista' jiġi ristrett, sospiż, jew itterminat.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro l-informazzjoni u l-assistenza rilevanti sabiex jiġi ffaċilitat l-iffirmar tal-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, il-

Kummissjoni tista' torganizza kampanji ta' informazzjoni bil-għan li tinforma lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro dwar id-diversi karatteristiċi tal-euro diġitali, inklużi l-benefiċċji tal-użu tiegħu kif ukoll l-aspetti tiegħu relatati mal-protezzjoni u mal-eżerċitar tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz għandu jispeċifika l-miżuri u l-proċeduri ta' implimentazzjoni neċessarji, u l-każijiet li fihom il-ftehim jista' jiġi ristrett, sospiż, jew itterminat, b'mod partikolari meta l-pajjiż terz ikun ġie identifikat bħala pajjiż terz b'nuqqasijiet strateġiċi sinifikanti fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final] jew bħala pajjiż terz bi dgħufijiet relatati mal-konformità fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]. Dak il-ftehim għandu jkun ikkomplementat minn arranġament bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali u, meta xieraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-pajjiż terz.	3. Il-ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz għandu jispeċifika l-miżuri u l-proċeduri ta' implimentazzjoni neċessarji, u l-każijiet li fihom il-ftehim jista' jiġi ristrett, sospiż, jew itterminat, b'mod partikolari meta l-pajjiż terz ikun ġie identifikat bħala pajjiż terz b'nuqqasijiet strateġiċi sinifikanti fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final] jew bħala pajjiż terz bi dgħufijiet relatati mal-konformità fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final] ***jew bħala pajjiż terz li jippreżenta theddida speċifika u serja għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament [daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/420 final]***. Dak il-ftehim għandu jkun ikkomplementat minn arranġament bejn il-Bank Ċentrali

Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali u, meta xieraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-pajjiż terz.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkoopera mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro sabiex ikunu jistgħu jsiru pagamenti interoperabbli bejn l-euro diġitali u muniti oħrajn.	2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkoopera ***b'mod attiv*** mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro sabiex ikunu jistgħu jsiru pagamenti interoperabbli bejn l-euro diġitali u muniti oħrajn.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-fornituri ta' servizzi ta' pagament tagħhom għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali ma għandhomx ikunu meħtieġa jkollhom jew jiftħu kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali jew jaċċettaw prodotti mhux tal-euro diġitali oħrajn.	2. Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-fornituri ta' servizzi ta' pagament tagħhom għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, ***kif imsemmi fl-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament,*** l-utenti tal-euro diġitali ma għandhomx ikunu meħtieġa jkollhom jew jiftħu kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali jew jaċċettaw prodotti mhux tal-euro diġitali oħrajn.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tinbeda tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali f'pagament ta'	3. Qabel ma tinbeda tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali f'pagament ta'

prossimità, il-prenditur u l-pagatur għandhom ***jiġu informati*** dwar jekk it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali hijiex se tkun offline jew online.	prossimità, il-prenditur u l-pagatur għandhom ***jaqblu*** dwar jekk it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali hijiex se tkun offline jew online

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-servizzi front-end ***għandhom ikunu interoperabbli ma' jew integrati fil-Kartieri*** Ewropej tal-Identità Diġitali.	1. ***Meta l-forniturі ta' servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni li jużaw awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijent, huma għandhom jaċċettaw ukoll b'mod faċilment aċċessibbli u nondiskriminatorju l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Għall-istess għan, għandhom jiġu żgurati l-interoperabbiltà bejn*** is-servizzi front-end, ***kif definit fil-paragrafu 20 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, u l-Kartieri*** Ewropej tal-Identità Diġitali.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.	Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti ***u jħeġġeġ***, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***, inkluża l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-***

	disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-aċċess għall-mekkaniżmu ta' tilwim għandu jiġi pprovdut mingħajr ħlas lill-utenti tal-euro diġitali bħala parti mis-servizzi bażiċi tal-euro diġitali.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument meta jiġu aġġornati r-rekords tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali ***kkonċernati fl-apparati għall-ħżin lokali*** tal-pagatur u tal-prenditur.	3. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument meta jiġu aġġornati r-rekords tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tal-pagatur u tal-prenditur ***fl-apparat ta' ħżin lokali tagħhom***.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-infrastruttura tas-saldu għandha tiġi żviluppata f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679, u mfassla b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data lil utent

	tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess identifikaturi tal-kont.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom ***mingħajr ħlas*** għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess identifikaturi tal-kont.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiffaċilita l-kompiti ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu skont id-Direttiva 2015/2366 billi jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni ta' frodi għal tranżazzjonijiet online bl-euro biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali. Dak il-mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jitħaddem direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew.	1. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiffaċilita l-kompiti ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu skont id-Direttiva 2015/2366 billi jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni ta' frodi għal tranżazzjonijiet online bl-euro biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali***, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdi s-salvagwardji meħtieġa biex l-ipproċessar isir konformi mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità u fir-rigward tal-limitazzjoni xierqa tal-ħżin***. Dak il-mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jitħaddem direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel ma jiżviluppa d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali tal-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.	2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ***u lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus*** qabel ma jiżviluppa d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali tal-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi bl-informazzjoni msemmija fl-Anness ***5***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li ***s-servizz*** ta' appoġġ ma jkunx jista' jidentifika direttament lill-utenti tal-euro diġitali fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.	4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi bl-informazzjoni msemmija fl-Anness ***V***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li ***l-Bank Ċentrali Ewropew jew is-servizz*** ta' appoġġ ma jkunx jista' jidentifika direttament lill-utenti tal-euro diġitali fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi. ***Meta jimplimentaw dawn il-miżuri tekniċi u organizzattivi, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom iqisu l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679, filwaqt li jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jitwettaq b'tali mod li d-data personali ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita lil utent individwali tal-euro***

diġitali mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom jippermettu lill-fornituri ta' servizzi u lill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi tal-hardware u tas-software neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali, b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom jippermettu lill-fornituri ta' servizzi u lill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, ***fil-kamp ta' applikazzjoni r-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final],*** interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi tal-hardware u tas-software neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali, b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.
[47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36.	[47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***iwettqu kompitu fl-interess pubbliku meta*** jipproċessaw data personali għall-finijiet li ġejjin:	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***għandhom*** jipproċessaw data personali ***biss*** għall-finijiet li ġejjin:

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-infurzar ta' limiti, ***inkluża l-verifika*** ta' jekk utenti tal-euro diġitali prospettivi jew eżistenti għandhomx kontijiet bl-euro diġitali ma' PSP ieħor, kif imsemmi fl-Artikolu 16;	(a) l-infurzar ta' limiti, ***jekk dawn jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament flimkien mal-verifika*** ta' jekk utenti tal-euro diġitali prospettivi jew eżistenti għandhomx kontijiet bl-euro diġitali ma' PSP ieħor, kif imsemmi fl-Artikolu 16;

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-forniment tal-euro diġitali offline***,*** ***inklużi r-reġistrazzjoni*** u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-apparati għall-ħżin lokali kif imsemmijin fl-ittra (b) tal-Anness I;	(c) il-forniment tal-euro diġitali offline ***flimkien mar-reġistrazzjoni*** u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-apparati għall-ħżin lokali kif imsemmijin fl-ittra (b) tal-Anness I;

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a) sa (c), ta' dan l-Artikolu, l-Anness III jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.	2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a) sa (c), ta' dan l-Artikolu, l-Anness III jistabbilixxi t-tipi ta' data personali ***li jistgħu jiġu pproċessati***. ***Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(d) u (e), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiddefinixxi t-tipi ta' data personali li jistgħu jiġu pproċessati, permezz ta' atti delegati skont il-paragrafu 3.***

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness III.	Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna ***u tiċċara*** t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness III***, filwaqt li żżomm lista kompluta u magħluqa ta' data personali li għandha tiġi pproċessata għall-iskop iddikjarat***.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma tiddentifikax direttament lil utenti individwali tal-euro	4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma tiddentifikax direttament lil utenti individwali tal-euro

diġitali.	diġitali. ***B'mod partikolari, dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li d-data personali tiġi psewdonimizzata b'tali mod li din id-data ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali lil utent individwali tal-euro diġitali mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali. Meta jimplimentaw dawn il-miżuri tekniċi u organizzattivi, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.***

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal servizzi addizzjonali li huma żviluppati u pprovduti minn fornituri ta' servizzi ta' pagament minbarra servizzi ta' pagament bażiċi bl-euro diġitali u li huma soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366, li għalihom id-data personali għandha tiġi pproċessata skont l-Artikolu 6(1)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jwettqu kompitu fl-interess pubbliku jew jeżerċitaw awtorità uffiċjali meta jipproċessaw data personali għall-finijiet li ġejjin:	1. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jwettqu kompitu fl-interess pubbliku***, skont l-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament 2016/679 jew l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament 2018/1725,*** jew jeżerċitaw awtorità

uffiċjali meta jipproċessaw data personali għall-finijiet li ġejjin:

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-salvagwardja tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali u tal-apparati għall-ħżin lokali;	(c) is-salvagwardja tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali u ***t-twettiq ta' analiżi tal-falsifikazzjoni tal-apparati*** għall-ħżin lokali;

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness IV jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.	2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness IV jistabbilixxi t-tipi ta' data personali ***li jistgħu jiġu pproċessati***.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness IV.	3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna ***u tiċċara*** t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness IV***, filwaqt li żżomm lista kompluta u magħluqa ta' data personali li għandha tiġi pproċessata għall-iskop iddikjarat***.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali.	4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. ***B'mod partikolari, dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li d-data personali tiġi psewdonimizzata b'tali mod li din id-data ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali lil utent individwali tal-euro diġitali mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali. Meta jimplimentaw dawn il-miżuri tekniċi u organizzattivi, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.***

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 8 ta' dan l-Artikolu. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew iwettaq kompitu msemmi fil-paragrafi 1 u 8 flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, dawn għandhom	5. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 8 ta' dan l-Artikolu. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew iwettaq kompitu msemmi fil-paragrafi 1 u 8 flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, dawn għandhom

ikunu kontrolluri konġunti għal dak il-kompitu.

ikunu kontrolluri konġunti għal dak il-kompitu.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li ma jagħtix kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jipproċessa t-tipi ta' data personali msemmijin fl-Anness ***5*** soġġett għar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.	7. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li ma jagħtix kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jipproċessa t-tipi ta' data personali msemmijin fl-Anness ***V*** soġġett għar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt	8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt

uniku ta’ aċċess minn entitajiet għajr il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali.	uniku ta’ aċċess minn entitajiet għajr il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. ***Meta jimplimenta dawn il-miżuri tekniċi u organizzattivi, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b’mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.***

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ, il-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ għandhom jipprovdu servizzi relatati mal-pagamenti fost il-PSPs. F’sitwazzjoni bħal din, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ***iwettqu*** kompitu fl-interess pubbliku, ***meta jipproċessaw data personali*** għall-finijiet li ġejjin:	1. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ, il-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ għandhom jipprovdu servizzi relatati mal-pagamenti fost il-PSPs. F’sitwazzjoni bħal din, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ***għandhom jipproċessaw biss data personali meta jwettqu*** kompitu fl-interess pubbliku, ***f’konformità mal-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament 2016/679, limitat*** għall-finijiet li ġejjin:

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness V jistabbilixxi t-tipi ta’ data personali.	2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness V jistabbilixxi t-tipi ta’ data personali ***li jistgħu jiġu pproċessati***. ***Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiddefinixxi t-tipi ta’ data personali li jistgħu jiġu pproċessati mill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ,***

	permezz ta' atti delegati skont il-paragrafu 3.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness V.	3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna ***u tiċċara*** t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness V***, filwaqt li żżomm lista kompluta u magħluqa ta' data personali li għandha tiġi pproċessata għall-iskop iddikjarat***.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturі ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali.	4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturі ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali. ***B'mod partikolari, dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li d-data personali tiġi psewdonimizzata b'tali mod li din id-data ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali lil utent individwali tal-euro diġitali mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali. Meta jimplimentaw dawn il-miżuri tekniċi u organizzattivi, il-forniturі tas-servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw il-***

	prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex ***tinżamm*** mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ***mill-banek ċentrali Ewropej*** u mill-banek ċentrali nazzjonali.	2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet***, kif iġġenerata minn tranżazzjoni ta' pagament fil-limiti tal-ipproċessar stabbiliti fl-Anness III, IV u V,*** ma għandhiex ***tiġi pproċessata*** mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament***, mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ*** jew ***mill-Bank Ċentrali Ewropew*** u mill-banek ċentrali nazzjonali.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***39***.	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu ***38***.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-	Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-

ħtieġa ta’ prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestrinġux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta’ pagament. Meta tfassal l-atti ***implimentazzjoni*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b’mod partikolari dawn li ġejjin:	ħtieġa ta’ prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestrinġux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta’ pagament. Meta tfassal l-atti ***delegati*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b’mod partikolari dawn li ġejjin:

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-objettiv tal-introduzzjoni ta’ strument ta’ pagament simili għall-flus kontanti u b’rabta ma’ dak li jippreserva d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni ***tista’ titlob lill-AMLA sabiex tadotta opinjoni li*** tivvaluta l-livell ta’ theddidiet ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline u l-vulnerabbiltajiet tiegħu. Il-Kummissjoni tista’ tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.	Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni ***għandha tikkonsulta lill-AMLA, li għandha*** tivvaluta l-livell ta’ theddidiet ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline u l-vulnerabbiltajiet tiegħu. Il-Kummissjoni tista’ tikkonsulta ***wkoll*** lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. ***Għall-finijiet tal-punt (d), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, f’konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725.***

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33, 34 u 35*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta'*** żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***34, 35 u 36*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta'*** żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33, 34 u 35*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***34, 35 u 36*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 11, ***33, 34 u 35*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 11, ***34, 35 u 36*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament

Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi għandhom jikkonsistu:	Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali***, kemm għall-euro diġitali online kif ukoll offline,*** għal persuni fiżiċi għandhom jikkonsistu:

Emenda 96

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-ftuħ, fiż-żamma ***u*** fl-għeluq ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali;	(a) fil-ftuħ, fiż-żamma***,*** fl-għeluq ***u fil-bdil*** ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali;

Emenda 97

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-finanzjament u fid-definanzjament mhux awtomatizzat minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali;	(c) il-finanzjament u d-definanzjament minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali ***għal kont bl-euro diġitali***;

Emenda 98

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fl-inizjazzjoni u fir-riċeviment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali permezz ta' strument ta' pagament elettroniku, bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali għajr ordnijiet permanenti, fil-każijiet ta' użu li ġejjin:	(e) fl-inizjazzjoni u fir-riċeviment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali permezz ta' strument ta' pagament elettroniku, bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali għajr ordnijiet permanenti ***u debiti diretti***, fil-każijiet ta' użu li ġejjin:

Emenda 99

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-fini tal-punt (a) tal-Artikolu 34(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għal:	1. Għall-fini tal-punt (a) tal-Artikolu 34(1), l-ipproċessar ***ta' data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għal:

Emenda 100

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-informazzjoni dwar il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali; ***inkluża*** l-informazzjoni dwar l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tal-utent tal-euro diġitali u n-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; kif ukoll	(iii) l-informazzjoni dwar il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali; ***mifhuma bħala (***l-informazzjoni dwar l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tal-utent tal-euro diġitali u n-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; kif ukoll

Emenda 101

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, ***inkluż*** l-identifikatur tat-tranżazzjoni u l-ammont tat-tranżazzjoni.	(iv) l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, ***mifhuma bħala*** l-identifikatur tat-tranżazzjoni u l-ammont tat-tranżazzjoni.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-punt (b) tal-Artikolu 34(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għal:	2. Għall-fini tal-punt (b) tal-Artikolu 34(1), l-ipproċessar ***ta' data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għal:

Emenda 103

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***inkluż in-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; kif ukoll	(iii) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***mifhuma bħala n-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; kif ukoll

Emenda 104

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali, ***inkluż in-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali.	(iv) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali, ***mifhuma bħala n-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Anness III – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-fini tal-punt (c) tal-Artikolu 34(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għal:	3. Għall-fini tal-punt (c) tal-Artikolu 34(1), l-ipproċessar ***ta' data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għal:

Emenda 106

Proposta għal regolament
Anness III – punt 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-identifikatur tal-utent; ***inkluż*** l-isem tad-detenturi tal-apparat għall-ħżin lokali; kif ukoll	(i) l-identifikatur tal-utent; ***mifhum bħala*** l-isem tad-detenturi tal-apparat għall-ħżin lokali; kif ukoll

Emenda 107

Proposta għal regolament
Anness III – punt 3 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-informazzjoni dwar l-apparat għall-ħżin lokali, ***inkluż*** l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali.	(ii) l-informazzjoni dwar l-apparat għall-ħżin lokali, ***mifhuma bħala (***l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 35(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għal:	1. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 35(1), l-ipproċessar ***ta' data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għal:

Emenda 109

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***inkluż in-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; u	(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***mifhuma bħala n-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; u

Emenda 110

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, l-informazzjoni marbuta ma' numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, ***inkluż*** l-ammont tat-tranżazzjoni.	(ii) l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online**,** l-informazzjoni marbuta ma' numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, ***mifhuma bħala*** l-ammont tat-tranżazzjoni.

Emenda 111

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-punt (b) tal-Artikolu 35(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għal:	2. Għall-fini tal-punt (b) tal-Artikolu 35(1), l-ipproċessar ***ta' data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għal:

Emenda 112

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-fini tal-punt (c) tal-Artikolu	3. Għall-fini tal-punt (c) tal-Artikolu

35(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għad-data meħtieġa għall-analiżi tal-falsifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline: l-informazzjoni dwar l-apparat għall-ħżin lokali, ***inkluż in-numru*** tal-apparat għall-ħżin lokali.	35(1), l-ipproċessar ***tad-data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għad-data meħtieġa għall-analiżi tal-falsifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline: l-informazzjoni dwar l-apparat għall-ħżin lokali, ***mifhuma bħala n-numru*** tal-apparat għall-ħżin lokali.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet tal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 35(1), u l-punt ta' aċċess uniku msemmi fl-Artikolu ***34(8)***, l-ipproċessar għandu jkun limitat għal:	4. Għall-finijiet tal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 35(1), u l-punt ta' aċċess uniku msemmi fl-Artikolu ***35(8)***, l-ipproċessar ***ta' data personali*** għandu jkun ***strettament*** limitat għal:

Emenda 114

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 4 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***inkluż*** in-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tal-utent, il-limitu fuq l-ammont miżmum magħżul mill-utent u t-tip ta' kont tal-euro diġitali.	(iii) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***mifhuma bħala n-numru*** uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tal-utent, il-limitu fuq l-ammont miżmum magħżul mill-utent u t-tip ta' kont tal-euro diġitali.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Anness V – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 36(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat	Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 36(1), l-ipproċessar ***tad-data personali***

għad-data meħtieġa għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi fost il-fornituri ta' servizz ta' pagament:

għandu jkun ***strettament*** limitat għad-data meħtieġa għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi fost il-fornituri ta' servizz ta' pagament:

Emenda 116

Proposta għal regolament
Anness V – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***inkluż*** l-identifikatur uniku tal-kont tal-euro diġitali;	(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***mifhuma bħala*** l-identifikatur uniku tal-kont tal-euro diġitali;

Emenda 117

Proposta għal regolament
Anness V – paragrafu 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, ***inkluż*** l-ammont tat-tranżazzjoni; u	(ii) l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, ***mifhuma bħala*** l-ammont tat-tranżazzjoni; u

Emenda 118

Proposta għal regolament
Anness V – paragrafu 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-informazzjoni dwar is-sessjoni ta' tranżazzjoni ta' utent tal-euro diġitali, ***inkluż*** il-medda tal-indirizz tal-protokoll tal-internet tal-apparat.	(iii) l-informazzjoni dwar is-sessjoni ta' tranżazzjoni ta' utent tal-euro diġitali, ***mifhuma bħala*** l-medda tal-indirizz tal-protokoll tal-internet tal-apparat.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Stabbiliment tal-euro diġitali
Referenzi	COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 19.10.2023
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	Il-Kumitat LIBE 19.10.2023
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	19.10.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Emil Radev 25.10.2023
Eżami fil-kumitat	4.12.2023
Data tal-adozzjoni	15.2.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 –: 6 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Malin Björk, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Patricia Chagnon, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Assita Kanko, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Diana Riba i Giner, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Beata Kempa, Dietmar Köster, Sergey Lagodinsky, Anne-Sophie Pelletier, Peter Pollák, Cristian Terheş, Róża Thun und Hohenstein, Axel Voss
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Catherine Amalric, Pablo Arias Echeverría, François-Xavier Bellamy, Milan Brglez, Katalin Cseh, Frances Fitzgerald, Ibán García Del Blanco, Isabel García Muñoz, Eider Gardiazabal Rubial, Catherine Griset, Jan Huitema, Stelios Kympouropoulos, Marian-Jean Marinescu, Radka Maxová, Jozef Mihál, Sven Mikser, Andrey Novakov, Witold Pahl, Evelyn Regner, Maria Veronica Rossi, Eleni Stavrou, Rainer Wieland

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
European Commission
European Central Bank
European Data Protection Supervisor
European Data Protection Board
Bulgarian Permanent Representation
Czech Permanent Representation
FTI Consulting

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

48	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Alexander Alexandrov Yordanov, Pablo Arias Echeverría, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Stelios Kympouropoulos, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Marian-Jean Marinescu, Andrey Novakov, Witold Pahl, Peter Pollák, Emil Radev, Eleni Stavrou, Axel Voss, Rainer Wieland
Sabrina Pignedoli	Abir Al-Sahlani, Catherine Amalric, Katalin Cseh, Jan Huitema, Sophia in 't Veld, Jozef Mihál, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
Heidi Hautala, Katrin Langensiepen	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Milan Brglez, Ibán García Del Blanco, Isabel García Muñoz, Eider Gardiazabal Rubial, Maria Grapini, Evin Incir, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Radka Maxová, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Evelyn Regner
The Left	Malin Björk
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Sergey Lagodinsky, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

6	-
ECR	Assita Kanko, Beata Kempa, Cristian Terheş
ID	Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík
Verts/ALE	Patrick Breyer

7	0
ID	Patricia Chagnon, Catherine Griset, Maria Veronica Rossi
Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Philippe Olivier	Ġustifikazzjoni Il-premessa hija allinjata mat-tibdiliet proposti fit-testi tal-artikoli. Emenda 105
The Left	Clare Daly, Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni